MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### MARK CHETCUTI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 346/2012

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tal- entita' legali Futbol Club Barcelona**

**vs**

**Dr. Noel Bartolo u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju TO ORDER OF BEA OUM EL BOUGHI 051 u n-*notify party* EURL FATH ELBAB IMPORT & EXPORT ghal kull interess li jista' jkollu, b'digriet tat-22 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-3 ta' April 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tal-entita' legali Futbol Club Barcelona ta' Avenida Aristides Maillol s/n (La

Masia) E-08028, Barcelona, Spanja sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

2. Illi r-rikorrenti Futbol Club Barcelona hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Comunity Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropea,* r-rapprezentazzjoni grafika “FCB”, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fil-hdax (11) ta’ Frar, 2004 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 002803005 (Dok. PF1).

3. Illi fil-hamsa (5) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) ir-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru TRLU7243268 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur ex c/v CALISTO (Dok. PF2) liema container kien fih hwejjeg tal-futbol liema numru ghad irid jigi kkonfermat mill-istess Kontrollur tad-Dwana kollha bir-rapprezentazzjoni grafika “FCB” u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu dritt ta’ proprjeta’ intelletwali;

4. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-hwejjeg hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li hwejjeg fihom ir-rapprezentazzjoni grafika “FCB” u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Futbol Club Barcelona, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ Futbol Club Barcelona u r-rapport tal-istess anness u mmarkat bhala Dok. PF3.

5. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenut tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

6. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija

huwa TO ORDER OF BEA OUM EL BOUGHI 051 u n-notify party EURL FATH ELBAB IMPORT & EXPORT ta' CITE SETHA AIN FAKROUN 04345 gewwa Annaba, Algeria u dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru XMPC266631 (Dok. PF4);

7. Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(a) u (b) u l-artikolu 4 tal-Kapitlu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 7 u 8 tal-istess Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi r-rikorrenti nomina Av. Peter Fenech jiddikjara li huwa jaf il-fatti esposti in parte personalment, in parte mill-informazzjoni moghti lilu mis-socjeta' rikorrenti u in parte mill-informazzjoni u d-dokumenti moghti lilu mill-Kontrollur tad-Dwana;

9. Illi r-rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

10. Illi ghalhekk kella ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitol lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'numru ta' hwejjeg li fuqhom hemm ir-rapprezentazzjoni grafika "FCB" li jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru TRLU7243268 kontenenti l-imsemmija hwejjeg, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' rikorrenti Futbol Club Barcelona, fir-rigward tat-trademark taghha: r-rapprezentazzjoni grafika "FCB", liema dritt gie registrat l-ewwel darba fil-hdax (11) ta' Frar 2004 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 002803005 (Dok. PF1) u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali hwejjeg 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li

jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk il-hwejjeg f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija hwejjeg ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess hwejjeg.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. PF1 sa Dok. PF4;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Mejju 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tad-19 ta’ Gunju 2012 fejn ecceppew:

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati, u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandu aktar informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat;

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d’ostakolo ghat-18 ta’ Lulju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja tar-rapprezentazzjoni grafika “FCB”, liema rapprezentazzjoni grafika hija registrata fir-Registru tal-Markji bin-numru 002803005.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’*container* Numru TRLU7243268 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur ex c/v CALISTO li kien diehel Malta fl-24 ta’ Frar 2012 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ hwejjeg tal-futbol li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta’ rikorrenti u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 8 ta’ Marzu 2012 (Dok. PF3 fol. 15) maghmul minn Natalia Rubies, rapprezentanta tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. PF1 sa Dok. PF4 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavits tal-Ufficjal tad-Dwana (Dok. B fol. 56) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ Natalia Rubies li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit Dok. B ta’ George Agius, Ufficjal tad-Dwana datat 2 ta’ Lulju 2012. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja konsistenti fi tmientax-il elf hames mija u tmienja u ghoxrin (18,528) hwejjeg tal-futbol in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ hwejjeg tal-futbol b’Container Numru TRLU7243268 da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta` rikorrenti inkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta` rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-imsemmija hwejjeg tal-futbol, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-

Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-prospett fl-Affidavit ta' George Agius Dok. B;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------